# Ir-Rabat
# – ġurnal fir-Rabat ta' 60 sena ilu

Il-wasla fir-Rabat tal-Kappillan Dun Karm Lia fl-1954, tidher li kienet ġabet magħha ideat ġodda ta' knisja li trid isservi lill-komunità tagħha mhux b'mezzi u mil-lat purament pastorali biss. Dan għaliex flimkien mal-idea li tinbena Sala Parrokkjali għall-użu wiesgħa mir-Rabtin, inħass il-ħtieġa li jitwaqqaf Kumitat Parrokkjali b'isem ċiviku li, fost affarijiet oħra, beda jippubblika ġurnal bl-isem ta' *Ir-Rabat*. Dan skont l-editorjal tal-ewwel ħarġa, jiġifieri dik ta' Jannar-Marzu 1955 kellu:

"*...barra li jgħarraf lil kulħadd bix-xogħol tiegħu (*tal-kumitat*), jgħaqqad lil kulħadd ħaġa waħda u jqanqal fil-qlub dak l-interess li kull Rabti għandu jkollu fir-Rabat.*"

"*...dan il-ġurnal iservi wkoll biex fih insemmgħu leħinna, isiru talbiet, kritika kostruttiva, korrispondenza u artikoli oħra, li fl-opinjoni tagħna jkunu ta' interess għar-Rabat, iżda ma jippermetti qatt li dan il-ġurnal iservi għal skopijiet ta' partiti.*"

Il-kumitat parrokkjali kien kompost kif ġej:
President Onorarju: Il-W.R Kappillan Dun Karm Lia
President: In-Nutar Francesco Catania
Segretarju: Biagio Galea
Kaxxier: Ġużeppi Spiteri
Membri: Giovanni Gauci, Francesco Giordmaina, G. Tonna u Mario P Cortis.

Id-direzzjoni tal-ġurnal kienet fdata f'idejn Biagio Galea filwaqt li Ġużeppi Spiteri kien iservi bħala Amministratur. Il-ġurnal kien jinbiegħ 3d u abbonament bil-posta għal sena kien jitla' għal 1,6d.

L-istampar sar dejjem fl-istamperija tat-Times, jiġifieri l-*Progress Press* u b'kollox bejn Jannar tal-1955 u Ġunju tal-1956 ġew stampati sitt ħarġiet ta' *Ir-Rabat*.

Wieħed irid ifakkar li dan kien żmien fejn il-mezzi ta' komunikazzjoni kienu jikkonsistu fir-redifussion, cioe r-radju nazzjonali u l-ġurnali. It-televiżjoni, ir-radjijiet u l-*internet* kien fadlilhom is-snin biex jidhru u jkunu għad-dispożizzjoni ta' kulħadd.

Dan il-ġurnal kellu l-istess forma u sura ta' gazzetta tipika minn ta' dak iż-żmien, bl-istorja prinċipali li tolqot ir-Rabat fuq l-ewwel paġna, filwaqt li ssib l-editorjal fit-tieni waħda. L-ewwel erba' ħarġiet kienu jinkludu wkoll il-Kelma tal-Kappillan, li ħafna drabi kien jindirizza xi żona li taqa' taħt il-Parroċċa bħal pereżempju l-Imtaħleb u l-Baħrija, jew inkella jinforma lill-qarrejja fuq il-proġetti li jkunu għaddejjin fil-Parroċċa.

Fil-ġurnal kont issib rokna li fiha kien ikun hemm l-interpellanzi li jsiru fil-Parlament u li jolqtu lir-Rabat, flimkien ma' rokna oħra bl-ittri lill-editur. Ma' dawn, elenku ta' aħbarijiet ta' attwalità bħal-lista ta' studenti Rabtin li jkunu għaddew għall-ezami tal-Lyceum jew għall-Istitut Tekniku, kif ukoll aħbarijiet oħra dwar l-iskejjel tar-Rabat, festi u baned.

Ta' interess kbir kienu jkunu artikli storiċi rigward postijiet, fratellanzi u knejjes fir-Rabat flimkien mal-aħbarijiet sportivi li kienu jittrattaw l-aktar il-futbol u l-logħob tal-biljard. Fi żmien il-festi kont issib ukoll il-programmi tal-festi kollha fir-Rabat. Dan il-ġurnal ma kienx fih ritratti ħlief għal wieħed fil-faċċata ta' quddiem li ħafna drabi kien marbut ma' waħda mill-festi ċċelebrati f'dak il-perjodu ta' tliet xhur.

Interessanti ferm huma r-reklami li wieħed isib f'dawn il-ħarġiet tal-ġurnal. Uħud minnhom iqajmu nostalġija sħiħa għax huma ta' ħwienet li ħafna minnhom għadna niftakruhom, għalkemm illum ilhom ferm li għalqu. Interessanti ferm li dan il-ġurnal kien jintbagħat saħansitra barra minn xtutna kif jidher minn żewġ ittri li ġew stampati f'*Ir-Rabat* ta' żewġ Rabtin li kisbu fama fl-isfera internazzjonali tad-divertiment.

Qed nirreferu għal Joseph Calleja, l-artist ċelebri ta' Hollywood u John Giordmaina, *magician* li għamel isem f'Toronto. Fil-kitba tagħhom f'dan il-ġurnal it-tnejn li huma, li fi tfulithom kienu ħbieb, juru sens qawwi ta' mħabba lejn ir-Rabat fejn twieldu u trabbew.

Ta' min jgħid li f'dawn il-ħarġiet tal-ġurnal *Ir-Rabat* inkitbu bosta suġġerimenti li wħud minnhom sal-lum b'sodisfazzjon kbir ngħidu li twettqu bħal pereżempju it-twessigħ tal-Pjazza tal-Parroċċa, it-tqegħid ta' bankijiet fil-Pjazza tal-Villa Rumana (illum magħrufa bħala d-Domus Romana), it-tranġar taz-Zuntier ta' San Pawl kif ukoll it-twaqqif ta' Mużew tal-Parroċċa. Iżda xorta nħossu li għandha

